MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 93/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**-vs-**

**Anthony Cutajar**

Kumpilazzjoni numru: 93/2009

Il-Qorti,

**Anthony Cutajar**, ta’ 39 sena, bin Generoso u Rita nee’ Pulo, imwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Novembru 1970, residenti 72, Triq Patri Magri Hamrun, u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 518270 (M).

Akkuzat talli;

1. Talli nhar it-2 ta’ Frar 2009, f’dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu komplici fir-reat ta’ serq aggravat (hold up) bil-vjolenza u bil-valur li ma’ jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro (€2329), li sehh fil-Gzira fuq il-persuna ta’ Maria Portelli, fejn insterqu flus kontanti u deheb, u dan billi b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fir-reat ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi, billi b’xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt fuq imsemmi, f’liema delitt l-istess awturi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Maria Portelli kontra l-volonta taghha.

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. u aktar talli kiser il-providimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fi 25/4/08, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien hmistax il-xahar.

Rat l-artikoli 42, 86, 261(a)(c), 262, 267 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum 5 ta’ Frar 2009 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat ix-xhieda.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni, u r-raba imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra l-involviment ta’l-imputat f’l-incident li sehh nhar it-2 ta’ Frar 2009, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputat in vista ta’ liema hija tal-fehma li m’ghandha l-ebda alternattiva hlif li timponi piena karcerarja u li titratta ukoll ma’l-imputat ghar-reat li tieghu instab hati minn din il-Qorti kif diversament preseduta b’sentenza mghotija f’l-25 ta’ April 2008.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 42, 86, 261(a)(c), 262, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni u tikkundannah sentejn prigunerija.

In oltre l-Qorti, b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23 tal-Kap 446, fil-waqt li tikkonferma l-htija ta’l-imputat ghar-reat li tieghu nstab hati permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence

Quintano fil-25 ta’ April 2008 tikkundannah sitt xhur prigunerija ghal dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------